# ĦAJKU

Fid-dawl tal-lampa
Xbihat jiżżeffnu mal-ħajt.
Liem'huma l-veri?

Inħares ċassa
bil-ktieb miftuħ quddiemi
naqra l-ħsibijiet.

Arja perfetta
mill-aqwa kompożitur -
għasfur fuq siġra.

Kotba mifruxa
mal-karti fuq il-mejda -
l-istudjuż mitluf.

Sħab griż fis-sema,
l-għasafar ifittxu l-kenn -
tħabbira tat-temp.

U Kristu mislub...
Maskarati għaddejjin
f'dagħdigħa sagra.

Bil-parabbola
Kristu ma ridniex nifhmuh
u ried jgħallimna.

Il-poeżija
aqraha, ħossha u ħobbha
u qatt tistudjaha.

Kieku ngħoddu l-ħin
li ngħaddu fi stennija,
ngħixu żewġ ħajjiet.

Dizzjunarju kliem
u kelma waħda ma nsibx
li tfisser qalbi.

**Josette Attard**